MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2011

Numru 22/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Carmel Vella**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 22 tas-sena 2009 kontra l-akkuzat Carmel Vella li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-28 ta' April, 2007 Carmel Vella kellu argument ma' Carmel Xerri dwar xi wirt tal-familja ghall-habta tas-6.30 p.m. ix-Xewkija. Illi f'mument minnhom Carmel Vella qabad hadida w b'sahha ta daqqa fuq ras Carmel Xerri bil-hsieb li joqtlu jew iqeghdlu hajtu f'periklu car, izda fortunatament minkejja li qasamlu l-kranju ma kkawzawx il-mewt peress li Carmel Xerri nghata kura medika.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Innocent sive Carmel Vella sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li

jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti asterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isemi fu qimsemmi akkuza lill-imsemmi Carmel Vella hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.
Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat Carmel Vella **mhux hati** tal-Att tal-Akkuza, ghaliex agixxa fil-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu innifsu.

Tiddikjara ghalhekk lil Carmel Vella mhux hati tal-Att tal-Akkuza w minnu tilliberah u wara li rat l-artikolu 487 tal-Kodici Kriminali tiddikjarah mehlus, u, jekk mhux detenut ghar-ragunijiet ohra, tordna li jigi liberat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------